**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 303/2024 DC**

***Oleksii Reshetniak***
***(Numru tal-Identifikazjoni ta' residenza MT7743077)***

***vs***

***Ievheniia Reshetniak***
***u b'digriet tal-25 t'Ottubru, 2024, l-Avukat Dr Julia Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Silvana Vella ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ievheniia Reshetniak.***

**Illum 10 ta' April 2025**

**Il- Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat** ta' Oleksii Reshetniak ippreżentat fil-21 ta' Marzu, 2024 permezz ta' liema ppremetta illi:-

> *Ir-rikorrenti huwa ċittadin Ukren (vide passport Dokument A) illi igawdi minn protezzjoni temporanja taht id-direttiva 2001/44EC u stabbilixxi r-residenza tiegħu ġewwa Malta fil-11.08.2023 (vide Dokument B);*
>
> *Il-partijiet iżżewġu nhar 1-10 ta' Jannar 2012, liema żwieġ tkisser irrimedjabbilment u ġie xolt permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti ta' Holosiivskyi fi Kyiv, I-Ukrajna nhar is-26 ta' Jannar 2021;*
>
> *Minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri Dominik Reshetniak nhar id-29 tAwwissu 2014;*
>
> *L-intimata kienet qed tonqos mid-dmirijiet tagħha bhala genitur tal-minuri, la kienet qed twettaq id-dmirijiet ta' manteniment u kura u wisq anqas kienet qed tkun*

*involuta fl-edukazzjoni tal-minuri. Għaldaqstant ir-rikorrenti kien kostrett jintavola proċeduri fil-Qorti appożita gewwa l-Ukrajna sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi vestita unikament fir-rikorrenti;*

*L-intimata kienet debitament notifikata b'dawn il-proċeduri (vide Dokument C) u intavolat dikjarazzjoni ġuramentata illi ma toggezjonax ghal tali revoka ta' kura u kustodja kongunta;*

*Permezz tas-sentenza datata nhar it-8 t Awwissu tas-sena 2022 (vide Dokument D), il-Qorti ta' Holosiivskyi fi Kyiv fl-Ukrajna iddecidiet il-vertanza billi rrevokat id-drittijiet ta' kura u kustodja ta' Ievheniia Reshetniak fuq il-minuri Dominik Reshetniak.*

*Is-sentenza tal-Qorti ta' Holosiivskyi fi Kyiv gewwa l-Ukrajna giet reża res judicata u eżekuttiva fl-Ukrajna nhar it-8 ta' Settembru tas-sena 2022 (vide Dokument E) u dan wara li skada it-terminu t'appell ta' tletin jum u l-ebda appell ma ġie ntavolat kif juri ċ-Ċertifikat tal-Qorti ta' Holosiivskyi;*

*Tali bdil fid-drittijiet kura u kustodja gie registrat fir-Registru Pubbliku ġewwa l-Ukrajna nhar id-19 t'Ottubru 2023 (vide Dokument F);*

*L-Ukrajna irattifikat il-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi Barranin fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, liema rattifikazzjoni dahlet fis-sehh fl-1 ta' Settembru 2023;*

*Ili r-rikorrenti ghandu interess illi jenforza ġewwa l-Gżejjer Maltin, id-deċiżjoni mogħtija fit-8 t' Awwissu tas-sena 2022, mill-Qorti gewwa Kyiv, fl-Ukrajna li biha gie dikjarat li l-kura u kustodja tal-minuri Dominik Reshetniak hija vestita unikament f'ismu, u dan stante l-fatt illi r-rikorrenti jinsab residenti hawn Malta, u senjatament gewwa 212, Flat 3, Triq it-Torri, Tas-Sliema, Malta u għalhekk għandu interess illi tali dečiżjoni tkun rikonoxxuta u infurzata mill-Qrati Maltin;*

U wara li hekk ippremetta talab lill-Qorti :-

*1. Tirrikonoxxi sentenza tal-Qorti ta' Holosiivskyi fi Kyiv ġewwa l-Ukrajna mogħtija nhar it-8 t'Awwissu tas-sena 2022 fl-ismijiet Oleksii Reshetniak v Ievheniia Reshetniak*

*2. Tiddikjara eżegwibbli s-sentenza moghtija fit-8 t'Awwissu tas-sena 2022 mill-Qorti ta' Holosiivskyi fi Kyiv ġewwa l-Ukrajna li biha gie dikjarat l-kura u kustodja tal-minuri Dominik Reshetniak hija vestita unikament f'isem ir-rikorrenti, u tordna l-eżekuzzjoni tagħha u dan ai termini tal-Artikoli 825A-828 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun Bir-riżerva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi.*

Rat ir-**risposta tal-kuraturi deputati** ippreżentata fit-13 ta' Novembru 2024 fli fiha jgħidu li mhuxiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt għal risposta ulterjuri.

Semgħet il-provi.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-attur, li jgħid li huwa jirrisjedi Malta bi protezzjoni temporanja maħruġa mill-International Protection Agency Malta, ppreżenta kopja ċċertifikata ta' sentenza tat-8 t'Awwissu 2022 mgħotija mill-Qorti ta' Kyuv l-Ukraina[1] u qed jitlob li din l-istess sentenza tiġi infurzata f'Malta. Permezz ta' din is-sentenza tneħħew d-drittijiet kollha ta' ġenitur tal-intimata. Skond kopja ta' ċertifikat ta dik l-istess Qorti din is-sentenza daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Settembru 2022[2].

Ikkunsidrat

Illi l-attur ma jgħidx bi preċizjoni fuq liema artikolu tal-liġi qed jibbaża t-talbiet tiegħu; hu jirreferi b'mod ġenerali għall-artikoli 825A-828 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa imsejjaħ "il-Kap 12").

Illi artikolu 825A tal-Kap 12 jipprovdi li:

> *Meta Regolamenti tal-Unjoni Ewropea jipprovdu, dwar affarijiet regolati taħt dan it-Titolu, b'mod li jkun differenti milli hemm f'dan it-Titolu, dawk ir-regolamenti għandhom jipprevalixxu, u d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom biss japplikaw meta ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta'dawk ir-regolamenti jew f'affarijiet li ma jaqgħux fl-ambitu ta'dawk ir-regolamenti*

Illi peress li l-Ukraina mhix stat membru tal-Unjoni Ewropea, għaldaqstant ir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea m'humiex applikabbli u lanqas ma huwa applikabbli tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi[3].

Illi lanqas ma hija applikabbli l-Konvenzjoni tat-2 ta' Lulju 2019 dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali, li jagħmel riferenza għaliha r-rikorrent fir-rikors tiegħu u dan peress li din l-istess konvenzjoni, ratifikata kemm minn Malta u kif ukoll mill-Ukraina tipprovdi fit-tieni artikolu tagħha li:

---

[1] Fol 27
[2] Fol 34
[3] Kap. 52 tal-Liġijiet ta' Malta

> *This Convention* ***shall not apply*** *to the following matters –*
> *(a) the status and legal capacity of natural persons;*
> ***(b) maintenance obligations;***
> ***(c) other family law matters****, including matrimonial property regimes and other rights or obligations arising out of marriage or similar relationships;*[4]

Illi huwa l-artikolu 826 tal-Kap 12 li japplika għall-każ in eżami; dan jipprovdi li:

> *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.*

Illi din il-Qorti kif diversament prejeduta kellha l-okkazzjoni tgħaddi in rassenja l-ġurisprudenza prevalenti realtata ma' din id-dispożizzjoni fis-sentenza mgħotija fil-kawża fl-ismijiet **L-Avukat Dr. Rita Mifsud noe vs Catherine Rachel Barritt**[5]

> *6. Ġie ben stabbilit mill-qrati nostrana li f'kawża ta' eżekuzzjoni ta' sentenza estera, mhux konċess li l-mertu jiġi diskuss mill-ġdid. F'azzjoni bħal dik odjerna, il-funzjoni tal-Qorti hi li tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza estera u dan diment ma jiġix ippruvat a sodisfazzjon tagħha xi waħda jew aktar mill eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 827 tal-Kapitolu 12.*
>
> *7. In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) f l-ismijiet* ***Schoeller International GMBH et vs. Mario Ellul*** *et. mogħtija fl-10 ta' Mejju 2005, fejn intqal li f'każ ta' talba għall-eżekuzzjoni ta' sentenza estera, il-funzjoni tal-Qorti lokali hu limitat u ċirkoskritt bil-liġi, u żgur ma jwassalx għall-ftuħ mill-ġdid tal-mertu deċiż mit-tribunal esteru. Ġie kkunsidrat li*
>
>> *"F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-*

[4] Dawn fost esklużżjonijiet oħra.
[5] 21 ta' Novembru 2023

*sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12. F'dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta' Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista' tigi attakkata ghal xi raguni li, skont il Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12, (b) li f'kaz ta' sentenza moghtija fil kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skont il-ligi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi dispozizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta."*

*8. Rigwardanti l-Artikolu 827, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża* **Avv Dr. Joseph Zammit McKeon nomine vs. Laferla Insurance Agency et** *deċiża fil-25 t'Ottubru 2013 iriteniet li:*

*"L-Artikolu 826 jibda biex jenuncja l-principju illi sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti estera "jistghu jigu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta". L-Artikolu 827 isegwi billi jghid meta ma jistax isir dan. Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-Artikolu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma "exhaustive", f is-sens li l-Qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artikolu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l esekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ippruvat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga' tiftah il-meritu tal kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal Qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-ligi estera mal Ordinament Guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta' Malta. Il-principju internazzjonali ta' "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta s sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall 4 ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' t irrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera.*

*[...]*

*Mhux kull ligi Maltija trid bilfors tkun rispettata mill-Qrati esteri. F'kawza ohra Ingliza, Scarman J. qal li "an English Court will*

*refuse to apply a law which outrages its sense of justice and decency" ("In the Estate of Fuld (No, 3)" 1968). Il-fatt li pajjiz esteru ghandu principji ta' dritt differenti minn dawk lokali ma jtellfux mill-enforzar taghha, sakemm ma jolqtux is sens ta' gustizzja ta' dak il-pajjiz, tant li, per ezempju, fl-Ingilterra, sentenza estera giet enforzata avolja kienet tmur kontra l-kuncett ta' "consideration", tant importanti fil-ligi Ingliza fuq il-kuntratt ("Re Bonacina" 1912). Huwa biss "where the fundamental conceptions of English justice are disregarded" (ibid. pagna 149), jew meta s-sentenza estera tolqot "dei valori fondamentali della societa`" (Galgano "Diritto Privato" 2 ediz. p. 251), li Qorti lokali trid toqghod attenta qabel ma tenforza sentenza estera."*

*9. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża* ***Avv Dr Christian Farrugia noe vs. Peter Blond International Ltd*** *deċiża 31 ta' Ottubru 2008 qieset li l eċċezzjonijiet għar-rikonoxximent u konsegwenti eżekuzzjoni ta' sentenza estera imsemmija fl-Artikolu 827, m'għandhomx jitqajmu ex officio imma l-Qorti għandha tevalwa r-rekwiżiti elenkati fl-imsemmi artikolu biss jekk t itqajjem xi eċċezzjoni f'dak is-sens mill-partijiet:*

*"Din il-Qorti ma tahsibx li, ghall-fini ta' l-Artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, ghandha tissolleva sua sponte difiza fit termini ta' l-Artikolu 827, ghax mhux xoghol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu ghall-infurzar tas-sentenza estera."*

*10. … …*

*11. … … l-Avviż Legali 396 tal 2003 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19 Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjoni ta' Qrati Ċivili) ma jipprovdix li kull sentenza ta' qorti barranija li hija relatata ma' separazzjoni, manteniment jew divorzju għandha tiġi eżegwita taħt l-awtorità tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja[6]. Tajjeb li jiġi senjalat li l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawża fl-ismijiet* ***El Aal vs. El Sayed*** *deċiża fl-1 ta' Marzu 2017, osservat:*

[6] F'dan ir-rigward din il-Qorti żżied li, għal dak li jirrigwarda esekuzzjon ta' sentenzi esteri, skont l-artikolu 4(c) tal-imsemmija liġi sussidjarja huwa biss l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta'Manteniment (il-Kap 242 tal-Liġijiet ta' Malta) li jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), liema Att jirreferi għal ordnijiet ta' manteniment u ċioe dawk li jipprovdu *għall-ħlas kull tant żmien ta' somom ta' flus li jmorru għall-manteniment ta' xi persuna* u għal ordninijet ta' filjazzjoni meta dawn jipprovdu ukoll *għall-ħlas minn persuna li tkun aġġudikata, misjuba jew dikjarata li hil-missier tat-tifel jew tifla.*

> *"Illi ai termini tal-artiklu 826 tal-Kap 12 fuq indikat hi proprju din il-qorti odjerna, senjatament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li hi statutorjament munita bil-kompetenza li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenzi esteri li jkunu ghaddew in gudikat." (Ara wkoll Mansueta Caruana vs. Kuratur Deputati deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis 27 ta' Marzu 2020; u* ***Fatima Zahra Zeroual vs. Hashim Kuduzovic*** *deiċża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 t'Ottubru 2022.)*

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, la darba ma tqajjmet l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 827, u la darba ntwera ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li s-sentenza li tagħha qed tintalab l-esekuzzjoni hija waħda finali u għaddiet in ġudikat, it-talbiet tal-attur għadhom jintlaqgħu

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqa' u tiddeċiedi billi

- **Tilqa l-ewwel talba** u tirrikonoxxi sentenza tal-Qorti ta' Holosiivskyi fi Kyiv ġewwa l-Ukrajna mogħtija nhar it-8 t'Awwissu tas-sena 2022 fl-ismijiet Oleksii Reshetniak v Levheniia Reshetniak;

- **Tilqa t-tieni talba** u tiddikjara eżegwibbli s-sentenza moghtija fit-8 t'Awwissu tas-sena 2022 mill-Qorti ta' Holosiivskyi fi Kyiv ġewwa l-Ukrajna li biha gie dikjarat l-kura u kustodja tal-minuri Dominik Reshetniak hija vestita unikament f'isem ir-rikorrenti; u

- **Tordna** li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-konvenuta Ievheniia Reshetniak iżda l-attur għandu proviżżorjament iħallas l-ispejjez u drittijiet tal-kuraturi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**